MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2009

Appell Civili Numru. 594/1989/1

**Angelo, Joseph, Carmelina armla minn Tommy Micallef u Violet mart Anthony Zammit, ahwa Tabone, u l-istess Anthony Zammit bhala amministratur tal-beni parafernali ta' martu ghal kull interess li ghandu.**

**v.**

**Anthony Tabone; u Louis, Paul, Maria mart Robert Ducker u Yolanda armla minn Joseph Aquilina ghal kull interess li jista' jkollhom, u b'digriet tal-4 ta' Novembru 2008 stante l-mewt ta' Yolanda Aquilina fil-mori ta' l-appell, l-atti gew trasfuzi f'isem Alice Farrugia, u l-istess Robert Ducker bhala amministratur tal-beni parafernali ta' martu ghal kull**

**interess li jista' jkollu u b'digriet tas-17 ta' Jannar 1990 Robert Ducker bin Roberto, assuma l-atti fil-kawza flok l-assenti missieru.**

## Il-Qorti:

## Preliminari:

B'citazzjoni pprezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-8 ta' Gunju, 1989 l-atturi ppremettew illi b'att tal-4 ta' Gunju, 1988 in atti Nutar Dottor Henri J. Vassallo (Dok "A'') jidher li certa Paola sive Pauline armla minn Paul Tabone tat u ikkoncediet b'titolu ta' subentitewsi temporanja favur il-konvenut Anthony Tabone il-fond numru 79, Triq Santu Wistin, Rabat, Malta, bid-drittijiet u kundizzjonijiet hemm stipulati; illi l-imsemmi kuntratt jidher li hu null u dana minhabba difett fir-rekwisti tieghu, a tenur ta' l-Artikolu 40(d) tal-Kap 55 tal-Ligijiet ta' Malta, u dana stante li l-firma suppositament maghmula mill-koncedenti "P. Tabone'' m'hijiex il-firma taghha; illi Pauline Tabone kienet omm il-kontendenti ahwa Tabone, u l-firma taghha hija maghrufa mill-atturi kif jista' jigi ppruvat minn xhieda u provi ohra dokumentali waqt it-trattazzjoni tal-kawza; illi l-atturi ghalhekk ghandhom indikazzjoni cara li dik li tidher bhala firma ta' ommhom m'hiex fil-fatt hekk bhala tali, u ghalhekk l-att fuq imsemmi huwa null u bla effett ghax redatt in vjolazzjoni tad-dispozizzjonijiet cari tal-ligi; illi wkoll l-imsemmi fond numru 79, Triq Santu Wistin, Rabat, Malta jifforma parti mill-assi ereditarju tal-mejta Pauline Tabone, li taghha l-atturi huma whud mill-eredi u ghalhekk ghandhom kull interess li l-imsemmi att jigi dikjarat null u bla effett;

Dan premess l-atturi talbu li dik il-Qorti:-

1) Tiddikjara u tiddeciedi, prevja okkorrendo permezz ta' periti nominandi, li l-firma "P. Tabone'' li tidher fl-imsemmi att ta' l-4 ta' Gunju, 1988, u li suppost tirrapprezenta l-firma tal-persuna (omm il-kontendenti) li l-

partikolaritajiet taghha huma murija fl-imsemmi att, mhix il-firma ta' omm il-kontendenti;

2) Tiddikjara ghalhekk u konsegwentement li l-imsemmi att huwa null u bla effett ghax milqut b'difett u ksur espress tad-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 40(d) tal-Kap 55 tal-Ligijiet ta' Malta; u billi hija taghti wkoll kull provvediment iehor xieraq u/jew direttiva opportuna ghar-rigward fil-konfront tal-konvenuti.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tas-17 ta' Mejju 1989 u dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoni pprezentat kontestwalment mal-prezenti, u b'riserva ta' kull azzjoni ohra talvolta spettanti lill-atturi kontra l-konvenuti, jew min minnhom, ingunti personalment ghas-subizzjoni;

B'nota pprezentata fit-30 ta' Gunju, 1989 (fol. 18) il-konvenut Anthony Tabone eccepixxa:

"It-talbiet ta' l-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez peress illi l-firma "P. Tabone" hija tassew il-firma ta' Pauline Tabone omm il-kontendenti, u l-kuntratt ta' l-4 ta' Gunju 1988 fl-Atti tan-Nutar Dott. Henri Vassallo huwa validu ghall-ghanijiet u effetti kollha tal-ligi.

"Salvi eccezzjonijiet ohra.";

B'nota pprezentata fis-7 ta' Lulju, 1989 (fol. 20) il-konvenuti Louis, Paul, Maria mart Robert Ducker u Yolanda armla minn Joseph Aquilina, ahwa Tabone, eccepew:

"1) It-talbiet ta' l-atturi sa fejn diretti kontra taghhom huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;

"2) Huma fl-ebda kaz ma ghandhom jehlu l-ispejjez, kif mitlub mill-atturi;

"Salvi eccezzjonijiet ohra.";

B'nota pprezentata fit-22 ta' Frar 1990 (fol. 32) il-konvenut Robert Ducker noe eccepixxa:

"1) It-talbiet ta' l-atturi sa fejn diretti kontra tieghu huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;

"2) Huwa fl-ebda kaz ma ghandu jehel l-ispejjez kif mitlub mill-atturi;

"Salvi eccezzjonijiet ohra.";

Rat in-nota a fol. 66 tal-process fejn l-attrici Violet mart Anthony Zammit cediet l-interessi taghha fil-kawza fl-ismijiet premessi;

**Is-sentenza appellata.**

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b'sentenza moghtija fis-6 ta' Ottubru, 2006 meta cahdet it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra l-istess atturi u dan wara li ghamlet is-segwenti kostatazzjonijiet u kunsiderazzjonijiet:

**"Iter tal-kawza**

"Dwar id-diversi ncidenti li nqalghu fil-kors tal-kawza l-Qorti tirreferi ghall-paragrafi 12 sa 21 tar-relazzjoni peritali u d-diversi rikorsi u digrieti fuq imsemmija.

**"Il-Fatti**

"Fit-2 ta' Lulju 1969, Paola Tabone akkwistat b'titolu ta' emfitewsi il-fond 79, Triq Santu Wistin, ir-Rabat. Fl-4 ta' Gunju 1988 l-istess Paola Tabone tat u ikkoncediet l-istess fond b'titolu ta' subenfitewsi temporanja favur il-konvenut binha Anthony Tabone. Paola Tabone mietet fis-6 ta' Lulju 1988 madwar xahar wara din il-koncessjoni sub-emfitewtika. F'din l-kawza l-atturi qed jikkontestaw il-firma ta' Paola Tabone fuq dina l-koncessjoni.

**"Provi**

“Dwar min xehed f’dina l-kawza l-Qorti tirreferi ghal paragrafi 69 u 70 tar-relazzjoni peritali.

“L-atturi, barra Violet Zammit u Carmelina Micallef li cedew l-atti fil-mori tal-kawza, ilkoll ulied l-istess Paola Tabone, jallegaw illi ommhom fl-ahhar erba’ xhur ta’ hajjitha u cioe` meta kkoncediet il-fond lill-konvenut huhom, kienet nieqsa mill-fakoltajiet mentali taghha. Ghalhekk il-firma fuq il-kuntratt mertu ta' din il-kawza ma setghetx kienet taghha u konsegwentement il-kuntratt huwa null. L-attur Angelo Tabone xehed illi kemm hu kif ukoll xi whud minn hutu kienu sorprizi hafna meta effettivament ircevew kopja tal-kuntratt li permezz tieghu saret il-koncessjoni. Martu Carmelina Tabone xehdet illi Paola Tabone fl-ahhar sitt xhur ta’ hajjitha qatt ma kienet taghrafhom ghax kienet tkun mitlufa.

“Il-konvenuti min-naha l-ohra jsostnu li ommhom Paola Tabone kienet insistiet li thalli l-post lil binha guvni Anthony Tabone. Jirrizulta illi fil-fond, oltre l-omm, kienu jabitaw ukoll fih il-konvenuti Anthony Tabone u ohtu Maria Ducker separata minn ma’ zewgha. Anthony Tabone kien jiehu hsieb il-bzonnijiet ta' ommu, anke billi jhallas diversi spejjez minn butu. Kien minhabba f'hekk, isostnu l-konvenuti, illi ommhom kienet kitbet il-post lil Anthony.

“Dakinhar illi sar il-kuntratt kienu prezenti fid-dar Anthony Tabone, Maria Ducker, Paola Tabone u n-Nutar Dr. Henri Vassallo.

“In-nutar xehed illi ftit jiem qabel il-pubblikazzjoni tal-kuntratt kien mar Anthony Tabone ikellmu gewwa l-ufficcju tieghu u qallu li ommu riedet taghtih il-propjeta` kollha u staqsieh b’liema mod dan seta jsir. In-nutar kien issuggerixxa li issir koncessjoni subemfitewtika. In-nutar ftakar bi precizjoni il-kundizzjoni li fiha kienet tinsab lil Paola Tabone gewwa darha u cioe` bilqieghda fuq *wheelchair* jew fuq siggu, b’xall fuqha u minghajr drip. Hu talab illi huwa u Paola Tabone jithallew wehidhom sabiex jaccerta ruhu mix-xewqat taghha. Hija kkonfermatlu li ghaliha l-importanti kien li b’xi mod tittrasferixxi il-post lil

binha Anthony. Hija stqarret man-nutar illi dan xtaqet taghmlu billi Anthony kien ilu s-snin jiehu hsiebha, imantniha u jhallas ic-cens. In-nutar ikkonferma illi assolutament ma kien hemm l-ebda diffikulta` ta' komunikazzjoni bejnu u l-anzjana, ghaliex kieku kien hemm diffikulta` kien jieqaf milli jippubblika l-att.

"Wara li kellem lil Paola wehidha, in-nutar rega` sejjah lil Anthony Tabone u Maria Ducker fil-kamra, spjega il-kontenut tal-kuntratt illi kien diga` miktub u waslu ghall-firem. Waqt li bdiet tiffirma Paola staqsiet lil binha kif se tiffirma ghaliex giet f'diffikulta. Dan wegibha "mhux P. Tabone?". Meta waslet f'nofs il-firma, hija talbet lil Anthony jghinha u dana zammilha idha soda mill minkeb waqt li hija kienet qed tiffirma.

"Id-dettalji li ta n-Nutar Vassallo dwar il-mod kif gie ppubblikat l-att u kif saret il-firma tal-omm huma korraborati mill-konvenut Anthony Tabone u wkoll minn Maria Ducker. Din ta' l-ahhar pero` ma kienitx ezatta jekk in-nutar gabx kuntratt mieghu lest, jew inkella kitbux dak il-hin.

"Mix-xhieda ta' Maria Ducker johrog ukoll illi ommhom kienet ilha zmien twil tghid lil huha Anthony sabiex idawwar ic-cens fuqu izda "da parti ta' Tony ma kienx hemm dik il-hatfa."

"L-affidavit prodott minn Violet Zammit juri li Paola Tabone ma kienitx mitlufa fil-jiem li fih ghamlet dan il-kuntratt ghaliex meta l-istess Violet Zammit kienet tmur taraha dejjem kellmitha. Hi kienet tmur spiss ghandha. Inoltre l-attur Angelo Tabone mhux talli kien dispost li jigdeb taht gurament, izda heggeg ukoll lil ohtu sabiex tigdeb waqt li tixhed, billi tghid illi ommhom kienet dejjem mitlufa.

"Mix-xhieda moghtija minn Frances Bonnici jirrizulta illi jum minnhom din semghet lil Paola Tabone tghid lil binha sabiex imur igib in-nutar biex hija taghmel testment. Jirrizulta wkoll illi fid-diskorsati li kien ikollhom bejniethom, Tabone kienet sikwit taccenna ghall-kontribut kbir li binha Anthony kien jaghmel ghall-ghixien taghha u li minhabba

f’hekk riedet thallilu kollox. Bonnici tikkonferma illi hi rat lil Tabone tnax-il jum qabel il-mewt taghha, u sa dakinhar mohha kien tajjeb.

**“Konsiderazzjonijiet**

“Il-Perit Legali nominat minn dina l-Qorti wara li semgha x-xhieda prodotta u d-dokumenti esebiti wasal ghall-konkluzzjoni li ma rrizultax li l-firma ta’ Paola Tabone fuq l-att kontestat ma kienitx genwina jew li kien iffirma haddiehor ghaliha u l-atturi ma rnexxilhomx jippruvaw dak li allegaw biex iwaqqghu l-att kontestat.

“Il-Qorti taqbel ma’ l-osservazzjoni li ghamel il-Perit Legali fir-rapport tieghu illi li wiehed jattakka att pubbliku hi haga serjissima. Il-massima tad-dritt probatorju li min jallega jrid jipprova, tehtieg li tigi osservata fir-rigorosita` taghha hawnhekk fejn wiehed mill-kontraenti, precizament Paola Tabone, hi mejta. Ir-rieda taghha murija fuq l-att, bis-solennita` kollha mistennija minn att pubbliku, ma tistax tigi disturbata jekk mhux wara li jingiebu provi pezanti u univoci li juru mod iehor.

“Il-Qorti kellha zewg verzjonijiet quddiemha dwar l-istat mentali u ta’ sahha ta’ Paola Tabone. Miz-zewg verzjonijiet l-izjed wahda kredibbli, fil-fehma tal-Qorti hija l-verzjoni prodotta mill-konvenuti. Dan ghaliex din il-verzjoni hija wkoll korraborata mix-xhieda estensiva u dettaljata moghtija min-nutar, mix-xhieda moghtija minn Frances Bonnici habiba tal-mejta Paola Tabone illi m’hijiex qariba tal-familja Tabone u mix-xhieda ta’ Maria Ducker oht il-konvenuti u oht l-atturi. Min-naha l-ohra Angelo Tabone qed jibbaza ruhu fuq xhieda ta’ haddiehor kif ukoll hemm provi sufficjenti illi l-attur Angelo Tabone ma kienx ser jezita illi jigdeb waqt li jixhed bhal ma xehdet Violet Zammit u ssir ukoll referenza ghall-incident li nqala’ ma’ l-espert Ivan Formosa. Ghaldaqstant il-kredibbilita` ta’ dak li l-attur xehed u tax-xhieda prodotti minnu titlef hafna mill-valur taghha.

“Il-Qorti qieghda taccetta bhala veritiera il-verzjoni tal-fatti kif mistqarra mill-konvenuti u cioe` li Paola Tabone iffirmat

il-kuntratt mertu ta' din il-kawza hija stess, waqt illi Anthony Tabone zammilha l-minkeb biex jissodalha idha u hi kompliet tiffirma.

"Dwar jekk l-ghajnuna illi ta' Anthony Tabone lil ommu waqt illi din kienet qed tiffirma, twassalx ghan-nullita` tal-kuntratt, il-Qorti hija tal-fehma illi l-involviment ta' Anthony Tabone fil-firma ta' ommu kienet illi jzommilha idha soda minhabba d-diffikulta`li kellha rizultanti mill-eta` taghha. Din il-Qorti ma tiddubitax illi Paola Tabone kienet taf x'qieghda taghmel waqt li tiffirma dan il-kuntratt – kienet ilha bix-xewqa li thalli d-dar lil Anthony. Il-firma fuq il-kuntratt hija ta' omm il-kontendenti Paola Tabone u ma jistax jinghad li hija falza ghaliex barra li jirrizulta li saret minnha tirrifletti wkoll ix-xewqa u r-rieda taghha.

"Anke rigward id-disposizzjonijiet testamentarji ta' Paola Tabone precedenti ghal koncessjoni in kwistjoni l-Qorti tirrileva li jirrizulta li skont in-Nutar Vassallo dan kien gibdilha l-attenzjoni ghal dawn id-disposizzjonijiet u hija baqghet tinsisti li mhux biss riedet thallilu l-legat imma anke l-post (ara fol. 363).

"Il-Qorti, wara li rat ukoll ir-relazzjoni u ezaminat il-provi, hija tal-fehma li l-kostatazzjonijiet maghmulin mill-Perit Legali, kif ukoll il-konkluzzjonijiet minnu raggunti, huma gusti u korretti u tikkondividihom.

"Finalment in vista tal-konkluzzjonijiet ta' dina l-Qorti, tikkonferma li ma kienx hemm necessita` li f'dina l-kawza jigi nominat espert kaligrafu."

**L-appell ta' l-attur Angelo Tabone**

L-attur Angelo Tabone hass ruhu aggravat bis-sentenza fuq riportata u b'rikors ipprezentat fit-23 ta' Ottubru, 2006 talab li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza imsemmija u tilqa' t-talbiet kif originarjament minnu maghmula, bl-ispejjez.

Il-konvenuti pprezentaw risposta fejn talbu li l-appell ta' Angelo Tabone jigi respint u s-sentenza appellata tigi konfermata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tieghu billi l-istess sentenza hija gusta u huwa xieraq li tigi konfermata.

**Ikkunsidrat:**

Kif ighid l-appellant fir-rikors ta' l-appell tieghu, l-aggravju principali tieghu jikkonsisti fil-fatt li l-ewwel Qorti zbaljat serjament u strahet sempliciment fuq ix-xhieda li kellhom interess ighidu li jghidu; u li l-istess Perit Legali l-Avukat Dr. Joseph Micallef Stafrace kien zbaljat meta wasal f'konkluzzjoni minghajr il-prova xjentifika dwar il-kalligrafija u, aghar minn hekk, meta jikkonkludi "li talbu l-atturi ghandu jigi michud ghax dak li kellhom jipprovaw biex iwaqqghu l-att kontestat ma giex minnhom pruvat."

Fis-sentenza appellata l-ewwel Qorti ddikjarat bla tlaqliq "*li ma kienx hemm necessita` li f'din il-kawza jigi nominat espert kaligarfiku*." Dan gie hekk dikjarat minn dik il-Qorti minhabba c-cirkostanzi tal-kaz, kemm dawk li johorgu mill-premessi fic-citazzjoni, kemm dawk rizultanti waqt is-smiegh tal-kawza, u din il-Qorti tikkondividi pienament din id-decizjoni ta' l-ewwel Qorti.

Dan qed jinghad billi f'dawn il-proceduri l-atturi qed jittantaw igibu dikjarazzjoni ta' nullita` ta' kuntratt debitament pubblikat minn Nutar Pubbliku fuq is-semplici premessa li l-firma li tinsab *in calce* ma hijiex il-firma tal-koncedenti u cioe` ta' Pauline Tabone. Mhux qed jigi kontestat li din Pauline Tabone kienet effettivament prezenti quddiem il-Nutar Pubbliku meta gie pubblikat l-imsemmi kuntratt. Konsegwentement jekk l-istess Pauline Tabone kienet ippartecipat, bil-volonta` piena taghha, biex jigi redatt l-imsemmi kuntratt – fatt mhux kontestat u sahansitra korroborat minn dak li jinghad fl-istess kuntratt fejn saret id-deskrizzjoni tal-partijiet inkluz il-fatt li tnizzel in-numru tal-Karta tal-Identita` taghha, kif ukoll minn dak li xhed l-istess nutar meta qal li kien kellimha apparti biex jassigura x'kienet ix-xewqa taghha – jekk il-firma taghha kienitx identika ghal xi firma ohra li kienet ghamlet precedentement, huwa kollu irrilevanti. Kif ukoll huwa

daqstant irrilevanti dak li gie allegat mill-atturi u cioe` li Pauline Tabone ma kienitx fi stat mentali tajjeb u dan ghas-semplici raguni li l-azzjoni u t-talba ghad-dikjarazzjoni ta’ nullita` tal-att mhux bazata fuq inkapacita` mentali.

Jidher li waqt l-proceduri quddiem l-ewwel Qorti kien hemm diversi incidenti u li, ghalkemm gew mahtura diversi esperti fil-kalligrafija, finalment l-inkarigu ta’ l-ahhar wiehed hekk mahtur gie revokat u ebda persuna ohra ma giet mahtura minfloku sabiex tezamina l-firma ta’ Pauline Tabone u tghid jekk din kienitx taghha jew le. Din id-decizjoni tal-Qorti, tenut kont il-fattispecie tal-kaz, kienet wahda gusta billi, kif gja` inghad hawn fuq, kienet Pauline Tabone li esprimiet il-volonta` taghha quddiem in-nutar li ppubblika l-kuntratt u jekk xi persuna ghenitha biex tiffirma ma jnaqqas xejn mill-espressjoni tal-volonta` taghha ghal dak li jinghad fl-istess kuntratt. Mhux eskluz li persuna ta’ eta` avvanzata titlob l-ghajnuna ta’ terza persuna biex tghinha tiffirma minhabba l-ebusija fl-ghadam, jew minhabba xi tremarella; biss dan il-fatt ma jistax jingieb bhala raguni valida ghad-dikjarazzjoni tan-nullita` tal-kuntratt kemm-il darba ma tingiebx prova, li fil kaz in ezami ma ngabitx, li dak li kien qed isir kien kontra l-volonta` tal-kontraenti. Wara kollox, kif sewwa osservat l-ewwel Qorti, jirrizulta li l-istess Pauline Tabone kienet ilha li mmanifestat l-intenzjoni taghha dwar dak li xtaqet taghmel u taghti lill-konvenut Anthony Tabone, u l-kuntratt kien semplicement l-formalita` rikjesta ghat-twettieq ta’ dik il-volonta`.

Fic-cirkostanzi, u billi fuq dan l-aggravju wahdu, l-appell mhux ser jigi milquh, din il-Qorti ma tarax il-htiega li tezamina l-punti l-ohra li jissemmew fir-rikors ta’ l-appell billi dawn huma ta’ natura incidentali, u bl-ebda mod ma jistghu qatt iwasslu ghall-akkoljiment tal-appell interpost mill-attur Angelo Tabone.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tal-attur Angelo Tabone qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata fit-totalita` bl-ispejjez kontra l-istess appellant; u billi jidher car li dan l-appell huwa wiehed

altament fieragh u vessatorju, wara li rat l-Artikolu 223(4) tal-Kap.12, tikkundanna lill-appellant ihallas lill-appellati l-ispejjez ghal darbtejn.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------